**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-16 ta' Frar, 2018**

**Talba Numru: 377/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 35**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu**
**Marsa**
**Vs**
**Agius Elaine (222289M)**
**Blokk G2, Flat 7,**
**Triq l-Istiratur,**
**Mosta**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-22 ta' Awwissu, 2017 li permezz taghha s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenuta l-hlas tas-somma ta' erba' mija u sebgha u sittin ewro u tmienja u disghin centezmu (€467.98c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40491320.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal u ghalhekk hija kontumaci.

Ra l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru, 2017 li permezz tieghu Mary Anne Camilleri rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ddikjarat bil-gurament li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ghadu dovut u d-dokumenti prezentati mill-istess socjeta' attrici.

Ra li fis-sedua tas-17 ta' Jannar 2017 il-konvenuta baqghet ma dehretx ghas-seduta u ghalhekk it-Tribunal ordna li l-kawza tithallas ghas-sentenza.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gusitikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u sittin ewro u tmienja u disghin centezmu (€467.98c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali numru 2571/16 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**